MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 181/2011

**Carmel Cauchi**

**vs**

**Geomike Limited u John Cauchi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz pprezentat fit-8 ta’ Gunju 2011 fejn l-attur talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti, flimkien jew solidalment (jew min minnhom), ihalsuh is-somma ta’ hamest elef, tlett mija u sitta u sittin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€5,366.77) kif jirrizulta mill-anness Dokument A. Din is-somma tirrapprezenta *mechanical works* u materjal supplit u xoghol iehor relatat u spejjez inkorsi mill-attur fil-Cote D’Azur Restaurant li jinsab f’St. Anthony Street, Marsascala liema xoghlijiet gew esegwiti mill-attur b’inkarigu tal-konveuti, jew min minnhom u dan kollu prevja dikjarazzjoni illi dawn ix-xoghlijiet gew effettivament rezi mill-attur.

Bl-imghaxjiet legali skont l-oghla rata permessa mil-ligi u bl-ispejjez kontra l-intimati, minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut John Cauchi fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li mhux il-legittimu kontradittur u ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur stante li, kwalsiasi xoghlijiet maghmula mill-attur saru fuq istruzzjonijiet, inkarigu u a beneficcju tal-kumpanija konvenuta Geomike Limited li effettivament hija l-proprjetarja tal-fond '*Cote D'Azur Restaurant'* inkonnessjoni ma' liema fond appuntu saru x-xoghlijiet esegwiti mill-attur u li taghhom qed jippretendi l-hlas.

2. Illi l-eccipjent mhux debitur ta' l-attur ta' l-ammont pretiz tal-proceduri odjerni u kwalsiasi ammont huwa semmai dovut mill-kumpanija konvenuta Geomike Limited.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat illi s-socjeta' konvenuta Geomike Ltd debitament notifikata bir-rikors promotur kif jirrizulta mit-timbru tal-purtier Reno Spiteri datat 17 ta' Gunju 2011 (a fol. 8 tergo).

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2011 is-socjeta' konvenuta debitament notifikata u mghajta ma dehritx sabiex twiegeb id-domandi attrici u ghalhekk l-attur pprezenta Kapitolu fil-konfront taghha seduta stante.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2011 is-socjeta' konvenuta imsejha regghet ma dehritx.

Fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2011 xehed l-attur **Carmel Cauchi** u spjega illi huwa kien jahdem bhala technician u kien ghamel xi xoghol gewwa l-istabbiliment maghruf bhal Cote D'Azur Restaurant gewwa Marsascala. Spjega li dan ix-xoghol kien jikkonsisti f'xoghol ta' welding ta' hadid,

xoghol tal-elettriku, xoghol ta' skavar u tindif u ghamel xi dawl. Jghid li kien gie imqabbad jaghmel dan ix-xoghol mill-konvenut huh John Cauchi.

Spjega li meta spicca x-xoghol huwa baghat l-invoice relattiva kemm lil huh il-konvenut John Cauchi, lil huh l-iehor George Cauchi, kif ukoll lis-socjeta' konvenuta Geomike Ltd. Dan il-kont huwa esebit fl-atti u mmarkat bhala dok 'A' datat l-1 ta' Dicembru 2010. Sussegwentement, baghat statement ohra datata 1 ta' Gunju 2011 fl-ammont ta' €5.366.77. Qal li huwa talab li jithallas kemm-il darba pero' kien ghadu ma thallasx. Jghid li hutu dejjem ighidulu li m'ghandhomx flus. Ikkonferma li l-ahhar darba li mar kien flimkien ma' huhom iehor li kien gie Malta mill-Awstralja. F'din l-okkazjoni talab biex jistenna halli jigbor il-flus ta' numru ta' nies li kienu qed jieklu fir-restaurant, pero' George ma accettax u spiccaw jargumentaw tant li George gab il-Pulizija fuq il-post u huwa gie imkecci.

Illi nhar l-24 ta' Ottubru 2011 xehed **John Cauchi** u kkonferma dak li kien qal l-attur fis-sens li verament l-attur kien hadem fir-restaurant Cote D'Azur u li kien ghamel diversi xoghlijiet kif deskritti fl-invoice esebita u mmarkata bhala dok 'A'. Qal li kemm hu kif ukoll huh George, li huma Diretturi tas-socjeta' Geomike Limited, kienu kuntenti bix-xoghol li sar. Jghid li huwa dejjem talab lil huh George sabiex flimkien ihallsu lill-attur izda George ma riedx. Jghid li x-xoghol kien sar fl-interess tas-socjeta' Geomike Limited u mhux f'ismu personali u fil-fatt jaghmel referenza ghall-invoice li hareg l-attur li wkoll hija indirizzata lis-socjeta' Geomike Limited. Huwa jammetti li l-ammont mitlub mill-attur huwa dovut fl-intier tieghu pero' mhux minnu, izda mis-socjeta' konvenuta Geomike Limited.

**Carmel Cauchi** rega' xehed fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2011 u kkonferma li verament kienet is-socjeta' Geomike Limited li qabditu izda huwa dehrlu li kellu iharrek lil huh John Cauchi ghaliex hekk kienu ghamlu xi debituri ohra. Jammetti pero' li l-invoice hija indirizzata lis-socjeta'

konvenuta Geomike Limited u ghal darb’ohra jikkonferma li kien ghadu ma thallasx il-kreditu tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut John Cauchi eccepixxa in linea preliminari li huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li m’ghandux *locus standii* u ghalhekk jghid li mhux debitur tal-attur ghalkemm jghid li l-kreditu tal-attur fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta huwa minnu.

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta’ Jannar 2007 fl-ismijiet ‘**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma et vs Emanuel Grixti’** jinghad li “*b’relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta’ rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu’ ta’ liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista’ tkun wahda kemm ‘di dare’ jew ‘di fare’ jew ‘di non fare’. Tali rapport obbligatorju jista’ jkun wiehed f’sens strett u jista’ jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha*.”

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ‘**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et’** deciza nhar l-5 t’Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

*“Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kienitx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk*

*il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu,fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Huwa ta' importanza ghal din is-sentenza dak li gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-21 ta' Marzu 2002 fl-ismijiet '**Camel Brand Co. Ltd vs Debono Michael'** fejn inghad li:-

*"Meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

*Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni."*

Illi f'dan il-kaz jirrizulta bic-car kemm mix-xhieda li ta l-attur stess kif ukoll minn dik moghtija mill-konvenut John Cauchi li l-attur kien ikkuntrattja mas-socjeta' konvenuta tramite id-Diretturi taghha hutu u cioe l-konvenut John Cauchi u George Cauchi. L-attur jghid li huwa kien gie imqabbad jaghmel xi xoghol gewwa r-restaurant Cote D'Azur u l-konvenut John Cauchi dan jikkonermah u jghid

li r-restaurant jappartjeni lis-socjeta' konvenuta li kienet qabditu jaghmel ix-xoghol li effettivament sar. John Cauchi jghid li x-xoghol reklamat mill-attur verament sar fil-proprjeta tas-socjeta' konvenuta Geomike Limited u li ma kellux ilmenti dwaru. Jghid li huwa effettivament kien tkellem ma huh George Cauchi id-direttur l-iehor u qallu sabiex ihallas lill-attur izda George Cauchi ma riedx u dan bla raguni ta' xejn. Mistoqsi jekk kienux kuntenti bix-xoghol li John Cauchi esegwixxa, jghid li kienu. Meta John Cauchi gie mistoqsi jekk il-flus reklamati mill-attur humiex kollha dovuti, jghid li kienu izda mhux minghandu imma minghand is-socjeta' konvenuta.

**Illi ghalhekk fid-dawl kollu ta' dak li gie sollevat jirrizulta li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut John Cauchi ghandha tintlaqa' u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa ma kellux relazzjoni guridika personalment ma' l-attur.**

Dwar il-mertu pero' jirrizulta li l-ammont pretiz mill-attur fir-rikors promotur tieghu huwa kollu dovut minghand is-socjeta' konvenuta u ghalhekk qed **tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' Geomike Limited thallas l-ammont kollu mitlub fir-rikors promotur lill-attur fl-ammont ta' hamest elef, tlett mija u sitta u sittin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€5,366.77).**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta' konvenuta kif ukoll l-imghax mid-data tal-ewwel invoice relattiva u cioe mit-2 ta' Mejju 2010.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------